**NOVEMBRU 2008** **NUMRU 237**

## MADWARNA

**Assemblea Ġenerali**
Numru sabiħ ta' membri, akbar mis-soltu, ġew għall-Assemblea Ġenerali. Is-sala tas-Seminarju kif ukoll il-gallarija ta' ġos-sala kienu ppakkjati bin-nies. Kienet esperjenza sabiħa ħafna. Tant żgħażagħ u kbar jieklu flimkien b'mod informali taw xejra li aħna qegħdin insiru verament aktar u aktar Familja Azzjoni Kattolika. Hemm ħafna x'nirranġaw biex din l-esperjenza tkun anke isbaħ. Per eżempju aktar siġġijiet u mwejjed waqt l-ikel, aktar postijiet għad-dell u anqas ċaqliq ta' nies waqt il-*workshops*. Nieħdu gost nisimgħu s-suġġerimenti tagħkom. Tant u tant nies ħadmu għas-suċċess ta' l-Assemblea. Nirringrazzja lil kull wieħed u waħda minnkom.

**Assemblea tal-Fergħa Nisa**
Ftit wara attendejt għall-Assemblea tal-Fergħa Nisa li saret fil-Knisja parrokkjali tas-Siġġiewi. Il-Frott ta' l-Assemblea Ġenerali kien diġa' beda jinħass. In-nisa kienu diġa' iddiskutew fiċ-ċirkolu tagħhom kif se jgħixu l-*motto* li għażilna din is-sena. Tant ħadt gost nisma' lil membru minn kull ċirkolu jgħażel kelma li kienet se tgħinhom jgħixu l-motto u nara lill-membri ta' kull eta' taċ-Ċirkolu tas-Siġġiewi jagħtuna *sketches* b'eżempju ta' kif jistgħu jgħinu fis-soċjeta' tagħmel għażliet skond kif Kristu jgħallimna fil-Vanġelu. In-nisa fehmu verament dak li qed jitlob minna l-Arċisqof u l-pjan ta' l-Azzjoni Kattolika biex inwettquh

**Laqgħa Ġenerali Straordinarja**
Issa jmissna l-Laqgħa Ġenerali Straordinarja li se ssir fis-Sala Monsinjur Gonzi, l-Istitut Kattoliku, nhar il-Ħamis 20 ta' Novembru bejn is-6.00 p.m. u t-7.45 p.m. Tiftakru li waqt il-Laqgħa Ġenerali li saret f'Ġunju li għadda konna ppreżentajna abbozz ta' l-Istatut il-ġdid u konna tlabna liċ-Ċirkoli jibagħtulna l-kummenti tagħhom. Aħna kkunsidrajna s-suġġerimenti kollha li bgħattulna u għamilna xi tibdiliet fl-abboz ta' l-Istatut il-ġdid skond il-proposti tagħkom. Issa jmiss li nibagħatulkom kopja ta' l-aħħar verżjoni biex fil-Laqgħa Ġenerali Straordinarja tkunu tistgħu tivvuttaw fuqha. Din hi okkażjoni unika biex tipparteċipaw fid-deċiżoni ta' kif fil-futur se mmexxu l-Għaqda tagħna. L-aħħar statut kien sar fl-1965 jiġifieri 43 sena ilu. Se nissuġġerixxu wkoll li l-Badge tinbidel. Waqt il-Laqgħa Ġenerali se nurukom ukoll l-abbozz li l-iżjed qiegħed jintogħġob biex nivvutaw dwaru wkoll. Nispera li kull Ċirkolu jħoss il-bżonn li jkun preżenti għal din il-laqgħa. Tirċievu aktar dettalji min hawn u ftit ieħor.

**Joyce Pullicino, President Ġenerali**

## Adorazzjoni Għall-Vokazzjonijiet

Fis-Seminarju tal-Virtu', Rabat, kull l-ewwel Ħamis tax-xahar, qegħda tiġi organizzata ġurnata ta' talb quddiem Ġesù Sagramentat bis-sehem ta' diversi gruppi minn madwar Malta. Għall-Azzjoni Kattolika ġie allokat il-ħin bejn il-19:30. u s-18:30. L-iskop huwa li nitolbu għall-vokazzjonijiet saċerdotali u għall-ħajja kkonsagrata. Qegħdin nagħmlu sejħa liċ-ċirkoli biex jagħżlu xi xahar partikolari li fih joffru li jmorru jgħaddu siegħa ma' Ġesù Sagramentat. Għal iżjed informazzjoni ċemplu lil Mrs C. Agius Delicata fuq tel:- 21238851. Inħeġġu lil kull min jista' biex jattendi.



# Attivitajiet għax-xahar ta' Novembru 2008

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ħadd 2 | Ż.A.K. | B'Kara jorganizzaw 12 il-siegħa Malta |
| Il-Ħadd 2 – 9 | Ż.A.K | European Youth Week ġewwa l-Belt. Ż.A.K se jipparteċipaw billi Jkollhom *stand* fil-post. |
| Il-Ħamis 6 | Fergħa Nisa | Kunsill Ċentrali - Membri tal-Kunsill fid-9:30 |
| | *Fergħa Xebbiet* | Kunsill Ċentrali fis-18:00 |
| | Għalliema | Laqgħa ta' l-għalliema ma' l-Arċisqof 18:00 – 20:00 |
| Il-Ġimgħa 7-9 | Ż.A.K | Ż.A.K Ħal Tarxien pre-youths live-in. |
| It-Tlieta 11 | Fergħa Nisa | Laqgħa ta' Talb Romol - Romol taċ-ċirkoli kollha |
| L-Erbgħa 12 | Għalliema | Kors ta' Spiritwalità' LaSaljana, fil-17:30 |
| | Kumm Ħidma Morda | Laqgħa tal-Kummissjoni fis-18:00 fl-Istutut Kattoliku, Floriana. |
| Il-Ġimgħa 14-16 | Ż.A.K | Ż.A.K Ibraġ live-in week-end. |
| Il-Ħadd 16 | *Fergħa Xebbiet* | High Tea |
| | Ż.A.K | Ż.A.K St Venera jorganizzaw Ż.A.K Village ġewwa l-ġonna Romeo Romano, Sta Venera. |
| It-Tnejn 17 | Fergħa Rġiel | Kunsill fil-17:30 Istitut Kattoliku Floriana |
| L-Erbgħa 19 | Għalliema | Laqgħa tal-Kunsill fil-17:30 |
| Il-Ħamis 20 | Diriġenti u Presidenti | Laqgħa Ġenerali Straordinarja |
| | Dar Familja Mqaddsa | Bażaar |
| | *Fergħa Xebbiet* | Laqgħa ta' Formazzjoni |
| Il-Ġimgħa 21-23 | Ż.A.K | Ż.A.K leaders seminar |
| L-Erbgħa 26 | Fergħa Nisa | Forum Day Ċirkoli kollha Post – Parroċċa San Pawl, Rabat. |
| Il-Ġimgħa 28 | Direttorju | Laqgħa fis-18:00 Istitut Kattoliku Floriana |
| | Ż.A.K | Ż.A.K Qrendi live-in u Ż.A.K Tarxien 18+ live-in. |
| Il-Ħadd 30 | Fergħa Rġiel | Irtir fid-9:00 – Knisja tal-Vitorja – Valletta |
| **Diċembru** | | |
| Il-Ħamis 04 | Fergħa Nisa | Kunsill Ċentrali fid-9:30 |
| | *Fergħa Xebbiet* | Kunsill Ċentrali fis-18:00 |
| Is-Sibt 06 | Dar Familja Mqaddsa | Candle Light Dinner |

## FERGĦA XEBBIET ADULTI

NOTA : Dan ix-xahar niftakru fl-erwieħ tal-Membri mejtin u ta' l-Assistenti Ekkleżjastiċi.

## KUMMISSJONI ĦIDMA GĦALL-MORDA U PERSUNI B'DIŻABILITÀ

***SOLIDARJETÀ*** Il-programm li tippreżenta l-Kummissjoni Ħidma Morda ta' l-A.K.M. ddedikat lill-Morda u Persuni b'diżabilità' SOLIDARJETA' qed jinstema' kull nhar ta' Ħadd fit-19:15. fuq Radju Malta u **MHUX** fit-20:30. Dawn huma d-dati tal-Programm għal Novembru :- 2, 9, 16 u 23.

## SEGRETARJAT ASSISTENZA SOĊJALI TA' L-AZZJONI KATTOLIKA

**SERVIZZ BIL-MINIBUSES**

**Nixtiequ nappellaw b'mod partikulari lil dawk il-Parroċċi li qatt s'issa ma għamlu użu minn dan is-servizz. Araw fil-Parroċċa fejn hemm anzjani li ma joħorġux minħabba l-Kundizzjoni tagħhom. Ibbukkjaw ħarġa biex huma wkoll iħossuhom parti mill-Komunità**

Ċemplu fuq 21226920 u ħallu MESSAĠĠ fuq l-*Answering Machine* u s-Sur Theuma jċempel lura hu stess jew fuq il-*Mobile* No: 99452768 (Joe Theuma Driver). F'każ ta' diffikultà ċemplu l-Uffiċċju SAS: 21220286 u agħmlu l-*booking* tagħkom

## GRUPPI KOPPJI MIŻŻEWĠIN



Il-Kumitat Grupp Koppji Miżżewġin se jorganizza Weekend Break b'Differenza nhar il-Ġimgħa 7, is-Sibt 8 u l-Ħadd 9 ta' Novembru.
Post Dar Ulied Marija Ewkaristika, Żebbuġ, Malta.
Imexxi Dun Frans Abdilla
Prezz €40 kull persuna
Mistednin il-Koppji Miżżewġin. Jistgħu jattendu wkoll is-Sibt biss.
Suġġett Il-*Commitment* tal-Koppja bejniethom u lejn l-Ghaqda li jattendu.
Hemm bżonn li nkunu *professionals* mal-Mulej u mhux *amateurs*. Hemm bżonn li nqumu minn nagħas li għandna. X'qedgħin nistennew?
Għal aktar informazzjoni ċemplu 21657706/21221341
Tħallux għal aħħar għax in-numru limitat.



Dawk iċ-Ċirkoli li jixtiequ jixtru l-Ktieb 'Attendenza għal- Laqgħat' ta' l-Azzjoni Kattolika jistgħu jixtruh mill- Bookshop ta' l-Azzjoni Kattolika, l-Floriana.

## *Festa Ta' Kristu Re – Il-Ħadd 23 ta' Novembru 2008*

Inħeġġukom biex ilkoll nattendu l-Festa ta' Kristu Re

DATA : - Nhar il-Ħadd 23 ta' Novembru
FEJN :- Quddiem il-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Safi
ĦIN :- fl-16:00



**TINSIEX IĠĠEDDED L-ABBONAMENT TIEGHEK FIL-ĦUĠĠIEĠA GĦAS- SENA 2009**

**FIL-'BOOKSHOP' TA' L-AZZJONI KATTOLIKA – FLORIANA SA L-AĦĦAR TA' NOVEMBRU 2008**

**ABBONAMENT JISWA BIL-POSTA EUR 6.00, MILL-'BOOKSHOP' EUR 5.50.**

MIN JABBONA GĦAL HUĠĠIEGA BIL-POSTA HU ĠENTILMENT MITLUB JAGĦTINA L-KODIĊI POSTALI .

# PREMJIJIET TAL-LOTTERIJA WAQT L-ASSEMBLEA

1st Prize – Coffee Machine – Isfar – Biljett Numru 006

2nd Prize – Tea Set – Abjad – Biljett Numru 150

3rd Prize – Inkwatru u Ikona tal-Madonna – Isfar – Biljett Numru15

4th Prize – Figorina u Gift Set – Isfar – Biljett Numru 191

5th Prize – Inbid, ċikkulata u pakkett għaġin – Abjad – Biljiet Numru 86

6th Prize – Inbid, ċikkulata u pakkett għaġin – Rosa – Biljiet Numru 101

Filwaqt li nirringrazzjaw lil dawk kollha li pparteċipaw f'din il-lotterija, ir-rebbieħa huma mitluba biex jiġbru il-premjijiet mis-segreterija fil-ħinijiet ta' l-uffiċju.

***Trid tagħti rigal b'differenza***
***fil-Librerija ta' l-Azzjoni Kattolika –***
***Istitut Kattoliku – Floriana- Tel: 21 237031***

***Wieħed isib:***
***Kull tip ta' kotba reliġjużi bil-Malti u bl-Ingliż – għall-kbar u għat-tfal, kotba ta' interess ġenerali, oġġetti reliġjużi – statwi, ikoni, santi, stationery, rigali u ħafna affarijiet oħra.***

***Issibu wkoll kemm 'cards' tal-'Vodafone' kif ukoll tal-'GO''. Jistgħu jinxtraw ukoll 'Book Tokens' u 'Gift Vouchers'.***

***Ħinijiet tal-Ftuħ: Matul il-ġimgħa - 9:00 sa nofsinhar***
***Mill-16:00 sas 19:30***
***is-Sibt – filgħodu biss***

***Għalhekk ixtri r-rigali tiegħek min din il-Librerija u barra li tkun qed tagħti rigal mill-qalb tkun qed tgħin lil Azzjoni Kattolika Maltija fil-ħidma tagħha.***




**ĠEJ IL-MILIED U QED TAĦSEB BIEX TIBDA TIXTRI L-KARTOLINI MELA EJJA SAL-'BOOKSHOP' U HEMMHEKK GĦANDEK ISSIB GĦAZLA SABIĦA TA' KARTOLINI TAL-MILIED!!!!**

